Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,635, 30 ta' April, 2026

Taqsima B

A.L. 127 tal-2026

ATT DWAR L-IMPIEGI U R-RELAZZJONIJIET INDUSTRIJALI (KAP. 452)

Ordni tal-2026 sabiex jirregola l-Kondizzjonijiet ta' Xogħol għall-Industriji tat-Tagħmir tat-Trasport, tal-Metall u tal-Industriji relatati magħhom

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4(1) tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, il-Ministru responsabbli għal impiegi u relazzjonijiet industrijali għamel dan l-ordni li ġej:-

Titolu, bidu fis-seħħ u applikabbiltà.

1. (1) It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni tal-2026 sabiex jirregola l-Kondizzjonijiet ta' Xogħol għall-Industriji tat-Tagħmir tat-Trasport, tal-Metall u l-Industriji relatati magħhom.

(2) Dan l-ordni għandu jidħol fis-seħħ fi żmien xahrejn (2) mid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Gazzetta.

(3) Id-dispożizzjonijiet stabbiliti f'dan l-ordni għandhom japplikaw għall-impjegati kollha fil-fabbriki kollha li jaħdmu fil-manifattura ta' tagħmir ta' trasport, tal-metall u l-prodotti relatati magħhom, li jkunu fabbriki li jagħmlu kwalunkwe minn dawn li ġejjin:

(a) il-manifattura ta' prodotti tal-metall għajr il-manifattura ta' arloġġi jew arloġġi tal-idejn, oġġetti xjentifiċi u ottiċi, oġġetti tal-fidda u ġojjellerija iżda inkluż plating u lustrar ta' prodotti tal-metall;

(b) il-manifattura ta' makkinarju;

(ċ) il-manifattura ta' makkinarju tal-elettriku;

(d) il-manifattura ta' tagħmir ta' trasport, inkluż it-tiswija, l-immuntar mill-ġdid u restawr ta' tyres, iżda eskluża l-manifattura kollha kemm hi jew fil-biċċa l-kbira ta' dgħajjes tal-injam u l-bodies tal-vetturi bil-mutur;

(e) ix-xogħlijiet ta' skart tal-metall, inkluż il-qtugħ, l-għażla, l-ikkraxjar, it-tkissir jew il-baling ta' metalli;

(f) it-tiswija ta' settijiet tat-televixin u radjijiet;

(g) il-manifattura ta' rix tas-sajd:

Iżda d-dispożizzjonijiet ta' dan l-ordni ma għandhomx japplikaw għal ħaddiema impjegati fl-istallazzjonijiet, fil-bini u fil-fitting ta' tagħmir ta' trasmissjonijiet u distribuzzjoni għall-enerġija elettrika, gass jew ilma, kemm ġewwa jew barra l-bini:

Iżda wkoll f'każ illi jkun hemm ftehim kollettiv applikabbli għall-klassi ta' ħaddiema li huma koperti b'dan l-ordni, il-kondizzjonijiet l-iktar favorevoli f'dak il-ftehim jew f'dan l-ordni għandhom jipprevalu.

Tifsir.

2. F'dan l-ordni, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

Kap. 452.

"Att" tfisser l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali;

"fabbrika" għandha tinkludi "ħanut tax-xogħol", kemm jekk dan il-ħanut tax-xogħol jifforma parti minn stabbiliment li qiegħed biss jew prinċipalment sabiex fih isiru l-attivitajiet deskritti fil-paragrafi (a) sa (g) tal-artikolu 1(3), kemm jekk xort'oħra, u tfisser kwalunkwe fond fejn, jew fil-konfini jew fil-preċinti tiegħu, ikun hemm impjegat jew impjegati li jwettqu xogħol manwali fi kwalunkwe proċess għal kwalunkwe wieħed mill-għanijiet imsemmija hawn taħt, jiġifieri:

(a) il-manifattura ta' oġġett jew parti minnu;

(b) it-tibdil, it-tiswija, it-tiżjin, l-irfinar, it-tindif jew il-ħasil, jew it-tkissir jew il-ħatt ta' oġġett; jew

(ċ) l-adattar ta' oġġett għall-bejgħ,

meta jkun fond fejn, jew fil-konfini jew fil-preċinti tiegħu jsir ix-xogħol bħala negozju jew bi skop ta' qligħ, u li fih il-prinċipal tal-impjegati hemmhekk għandu d-dritt li jaċċessa jew jikkontrolla;

Kap. 252.

"festi tas-soltu" tfisser il-ġranet, għajr il-Ħdud, iddikjarati għal dak iż-żmien bħala festi pubbliċi skont l-Att dwar il-Jum Nazzjonali u Btajjel Pubbliċi oħra;

"ftehim kollettiv" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Att;

"ġimgħa" tfisser ġimgħa kalendarja;

"ġurnata" tfisser perjodu li jibda minn nofsillejl (12:00

a.m.) ta' ġurnata sa nofsillejl (12:00 a.m.) tal-ġurnata ta' wara;

"ħin doppju" tfisser id-doppju tar-rata attwali ta' ħin applikabbli għall-impjegat;

"ħin u nofs" tfisser darba u nofs tar-rata attwali ta' ħin applikabbli;

"ħinijiet tax-xogħol" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Att;

"manifattura" għandha tinkludi t-tiswija ta' oġġetti;

"nofs ta' nhar" tfisser perjodu li jibda minn nofsillejl sa nofsinnhar jew minn nofsinnhar sa nofsillejl;

"impjegat whole-time" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Att;

"impjegat part-time" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Att;

"impjegati bix-xift" tfisser impjegati fi kwalunkwe fabbrika li għalihom japplika dan l-ordni li normalmemt iridu jkunu għad-dispożizzjoni tal-prinċipal tagħhom erbgħa u għoxrin (24) siegħa kull ġurnata;

"paga" tfisser remunerazzjoni jew qligħ li jitħallas minn prinċipal lil impjegat u tinkludi kwalunkwe bonus li jitħallas skont l-artikolu 23 tal-Att, għajr kwalunkwe bonus jew allowance relatat mal-prestazzjoni jew mal-produzzjoni;

"perjodu ta' mistrieħ" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fir-Regolamenti dwar l-Organizzazzjoni tal-Ħin tax-Xogħol; L.S. 452.87.

"perjodu tal-impjieg" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Att.

Ħinijiet ta' xogħol.

3. Il-paga minima fil-ġimgħa għandha tkun relatata ma' ġimgħa ta' xogħol kif jidher hawn taħt:

(a) fil-każ tal-impjegati kollha, għajr l-għassiesa u l-impjegati bix-xift ta' billejl, erbgħin (40) siegħa xogħol mifruxa fuq ġimgħa ta' ħamest (5) ijiem;

(b) fil-każ ta' għassiesa, għal sittin (60) siegħa;

(ċ) fil-każ ta' impjegati li jaħdmu xift ta' billejl, għal

sebgħa u tletin siegħa u nofs.

Pagi minimi ta' impjegati whole-time.

4. Il-paga minima fil-ġimgħa li għandha titħallas lill-impjegati whole-time kollha, inkluż learners, għandha tkun din li ġejja:

(a) għassiesa..... €345.92;

(b) impjegati whole-time oħrajn.....……€230.61:

Iżda:

(a) fejn stabbiliment ikun kondizzjonat għal ġimgħa ta' xogħol ta' inqas minn erbgħin (40) siegħa, il-paga minima msemmija hawn fuq għandha tapplika; u

(b) impjegat, li fi kwalunkwe ġimgħa jaħdem għal numru ta' sigħat inqas minn numru ta' sigħat li għalih il-paga minima fil-ġimgħa tirrelata skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 3, għandu jitħallas *pro rata* fuq rata bis-siegħa mhux anqas minn dik applikabbli għalih, jiġifieri r-rata xierqa fil-ġimgħa maqsuma bin-numru ta' sigħat fil-ġimgħa applikabbli għall-istabbiliment tiegħu.

Ħlas għal xogħol bix-xift.

5. Il-ħaddiema li jaħdmu b'sistema ta' xift għandhom jitħallsu ħlas bix-xift ta' żewġ euro u tlieta u tletin ċenteżmu (€2.33) fil-ġimgħa meta jaħdmu l-ewwel xift (filgħodu) jew it-tieni xift (wara nofsinhar). Dawk li jaħdmu t-tielet xift (billejl) għandhom jitħallsu b'ħin u kwart tar-rata normali.

Allowance tal-uniformi.

6. (1) Meta l-impjegat ikun meħtieġ li jilbes uniformi fit-twettiq tad-dmirijiet tiegħu, tali uniformi għandha tkun ipprovduta mill-prinċipal mingħajr l-ebda ħlas.

L.S. 646.13.

(2) It-tagħmir protettiv personali skont ir-Regolamenti dwar Rekwiżiti Minimi għall-Użu ta' Tagħmir Protettiv Personali fuq ix-Xogħol għandu wkoll jingħata mingħajr l-ebda ħlas mill-prinċipal.

Ħin minimu ta' mistrieħ kuljum.

7. L-impjegati whole-time kollha, għajr l-għassiesa, għandhom jingħataw intervalli għall-ikel u għall-mistrieħ ta' mhux inqas minn siegħa (1) b'kollox kuljum:

Iżda:

(a) bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (b), l-intervall jew l-intervalli għandhom jingħataw wara l-ewwel jew qabel l-aħħar siegħa tal-perjodu tal-impjieg; u

(b) fejn l-aħħar nofs siegħa tal-perjodu tal-impjieg tkun

permessa bħala nofs siegħa ta' mistrieħ, l-impjegat għandu jkun intitolat li jħalli l-post tax-xogħol malli tibda dik in-nofs siegħa.

Ħin minimu ta' mistrieħ fil-ġimgħa. L.S. 452.87.

8. L-impjegati kollha għandhom ikunu intitolati għal perjodu ta' mistrieħ kull ġimgħa skont ir-Regolamenti dwar l-Organizzazzjoni tal-Ħin tax-Xogħol.

Rati minimi ta' sahra.

9. (1) L-għassiesa għandhom ikunu intitolati għal sahra bir-rata ta' ħin u nofs għall-ħin kollu maħdum li jeċċedi sittin (60) siegħa għall-perjodu ta' sitt (6) ijiem konsekuttivi u għall-ħin kollu maħdum fis-seba' ġurnata u għandhom ikunu intitolati għal sahra bil-ħin doppju għal ħin kollu ta' xogħol fil-festi tas-soltu jew leave għal vaganza mhux utilizzat.

(2) L-impjegati li jaħdmu bix-xift għandhom ikunu intitolati għar-rata ta' ħlas ta' sahra ta' ħin u nofs għall-ħin kollu maħdum li jeċċedi l-medja ta' erbgħin (40) siegħa fil-każ ta' xifts ta' filgħodu u wara nofsinhar, u sebgħa u tletin siegħa u nofs (37½) fil-każ ta' xift ta' billejl, fejn fi kwalunkwe ċiklu ta' ġimagħtejn (2) jew tliet (3) ġimgħat, skont il-każ, in-numru medju ta' sigħat ta' xogħol fil-ġimgħa jeċċedi erbgħin (40) siegħa jew sebgħa u tletin siegħa u nofs (37½), skont il-każ.

(3) L-impjegati kollha, għajr dawk speċifikati fis-subartikoli (1) u (2), għandhom ikunu intitolati għall-ħlas ta' sahra kif ġej:

(a) għall-ħin kollu maħdum li jeċċedi erbgħin (40) siegħa fi kwalunkwe ġimgħa..... ħin u nofs;

(b) għall-ħin kollu maħdum li jeċċedi tmien (8) sigħat fi kwalunkwe ġurnata għajr il-Ħadd jew festi tas-soltu..... ħin u nofs;

(ċ) għall-ħin kollu maħdum fil-Ħdud, festi tas-soltu jew leave għal vaganza mhux utilizzat..... ħin doppju.

(4) Fejn in-numru normali ta' sigħat ta' xogħol fil-ġimgħa ta' impjegat ikun inqas minn erbgħin (40) siegħa, tali rata xierqa ta' sahra għandha titħallas għall-ħin kollu maħdum iżjed min-numru normali ta' sigħat ta' xogħol fi kwalunkwe ġimgħa waħda (1).

Leave għal vaganza. L.S. 452.87.

10. L-impjegat għandu jkun intitolat għal-leave kull sena skont ir-Regolamenti dwar l-Organizzazzjoni tal-Ħin tax-Xogħol.

B 1312

Leave għal mard.

11. (1) Impjegat whole-time għandu f'kull sena kalendarja jkun intitolat għall-ekwivalenti f'sigħat ta' għoxrin (20) ġurnata leave għal mard b'paga sħiħa, nieqes ammont ugwali għas-somma stabbilita bħala jedd tal-benefiċċju għall-mard bir-rata determinata skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, u impjegati part-time għandu jkollhom dritt *pro rata* għal-leave għal mard f'sigħat b'paga sħiħa, nieqes ammont ugwali għas-somma stabbilita bħala jedd tal-benefiċċju għal mard bir-rata determinata skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, liema ammont għandu wkoll jiġi kalkulat fuq bażi *pro rata*:

Kap. 318.

Iżda:

(a) l-ewwel tlett (3) ijiem ta' kull talba għal-leave għal mard għandhom jitħallsu bi sħiħ mill-prinċipal;

(b) għandu jiġi ppreżentat ċertifikat mediku lill-prinċipal li jkopri l-perjodu tal-assenza fil-ġurnata tar-ritorn lejn ix-xogħol jew, jekk tali perjodu ta' assenza jeċċedi sebat (7) ijiem, fi żmien sebat (7) ijiem mill-bidu ta' tali assenza minħabba leave għal mard;

(ċ) impjegati li jirċievu pensjoni tas-sigurtà soċjali fir-rigward ta' rtirar jew benefiċċju tar-romol skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali għandhom, għall-fini ta' kalkolu ta' ħlas tal-leave għal mard dovut, jitqiesu li rċevew ammont ugwali għas-somma stabbilita bħala jedd tal-benefiċċju għal mard bir-rata stabbilita skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali.

Kap. 318.

(2) Impjegat whole-time għandu f'kull sena kalendarja jkun intitolat għall-ekwivalenti f'sigħat ta' għoxrin (20) ġurnata oħra leave għal mard b'nofs paga, nieqes ammont ugwali għal nofs is-somma stabbilita bħala jedd tal-benefiċċju għal mard bir-rata stabbilita skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, u impjegati part-time għandu jkollhom dritt *pro rata* għal-leave għal mard f'sigħat b'nofs paga, nieqes ammont ugwali għan-nofs is-somma stabbilita bħala jedd tal-benefiċċju għal mard bir-rata determinata skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, liema ammont għandu wkoll jiġi kalkulat fuq bażi *pro rata*:

Kap. 318.

Iżda:

(a) l-ewwel tlett (3) ijiem ta' kull talba għal-leave għal mard għandhom jitħallsu b'nofs paga mill-prinċipal;

(b) għandu jiġi ppreżentat ċertifikat mediku lill-prinċipal li jkopri l-perjodu tal-assenza fil-ġurnata tar-ritorn lejn ix-xogħol jew, jekk tali perjodu ta' assenza jeċċedi sebat (7) ijiem, fi żmien sebat (7) ijiem mill-bidu ta' tali assenza minħabba leave għal mard;

(ċ) impjegati li jirċievu pensjoni tas-sigurtà soċjali fir-rigward ta' rtirar jew benefiċċju tar-romol skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali għandhom, għall-fini ta' kalkolu ta' ħlas għal-leave għal mard dovut, jitqiesu li rċevew ammont ugwali għal nofs is-somma stabbilita bħala jedd tal-benefiċċju għal mard bir-rata determinata skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali. Kap. 318.

(3) Il-jeddijiet tal-leave għal mard għandhom japplikaw mill-ewwel jum ta' impjieg:

Iżda l-imsemmija jeddijiet għandhom jiġu kkalkulati *pro rata* skont id-data tal-bidu tal-impjieg fis-sena kalendarja relattiva.

(4) Il-prinċipal jista' jeħtieġ ċertifikat mediku maħruġ minn tabib tal-għażla tiegħu li jiċċertifika li l-impjegat ma kienx tajjeb għax-xogħol matul il-perjodu ta' assenza tal-leave għal mard.

(5) Il-jedd ta' leave għal mard għandu jiġi kkalkulat fuq il-bażi provduta għal-leave annwali kif speċifikat fir-regolament 8(1) tar-Regolamenti dwar l-Organizzazzjoni tal-Ħin tax-Xogħol. L.S. 452.87.

12. Impjegat għandu jkun intitolat għall-ħlas tal-paga minima applikabbli għalih għall-ħinijiet kollha li matulhom ikun preżenti fil-fond tal-prinċipal tiegħu jew fi kwalunkwe post ieħor li għandu x'jaqsam mal-impjieg sakemm ma jkunx preżenti hemmhekk f'xi waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin: Ħin ta' stennija.

(a) mingħajr il-permess espress jew impliċitu tal-prinċipal;

(b) għal xi raġuni li ma hijiex relatata max-xogħol tiegħu u li ma jkunx qiegħed jistenna li jiġi assenjat xi xogħol lilu;

(ċ) unikament minħabba l-fatt li huwa jirrisjedi hemmhekk;

(d) matul il-ħinijiet tas-soltu tal-ikel f'kamra jew f'post fejn mhux jitwettaq l-ebda xogħol jew mhux qiegħed jistenna xi xogħol li jiġi assenjat lilu.

13. Impjegati għandhom ikunu intitolati għall-festi nazzjonali u għall-festi pubbliċi kollha b'paga sħiħa, kull forma ta' leave skont ir-Regolamenti dwar Dritt Minimu ta' *Leave* Speċjali u għal kull forma oħra ta' leave ieħor li jista', minn żmien għal żmien, jiġi stipulat f'Ordni ta' Standard Nazzjonali jew f'regolamenti magħmula taħt l-Att. Tipi ta' leave oħra. L.S. 452.101.